# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/814

## tal-20 ta' Mejju 2021

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/915 dwar attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fid-29 ta' Mejju 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/915 ([1]).

(2) Fit-30 ta' Lulju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1134 ([2]), li emendat id-Deċiżjoni (PESK) 2017/915 u estendiet il-perijodu ta' implimentazzjoni għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tagħha sat-30 ta' Ġunju 2021.

(3) Fil-31 ta' Marzu 2021, il-Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle, u fis-6 ta' April 2021, l-Expertise France, fil-kapaċitajiet rispettivi tagħhom bħala Aġenziji ta' Implimentazzjoni, talbu l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni biex tiġi estiża għat-tieni darba l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/915, sal-31 ta' Jannar 2022, minħabba sfidi kontinwi li jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19.

(4) Il-kontinwazzjoni tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/915 ma għandha ebda implikazzjoni fir-rigward ta' riżorsi finanzjarji sal-31 ta' Jannar 2022,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/915 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tiskadi fil-31 ta' Jannar 2022.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2021.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
A. SANTOS SILVA

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/915 tad-29 ta' Mejju 2017 dwar attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ĠU L 139, 30.5.2017, p. 38).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1134 tat-30 ta' Lulju 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/915 dwar attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ĠU L 247, 31.7.2020, p. 24).